**QORI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 30 ta` Gunju 2020**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Nru. 7/2019 JZM**

**L-Awtorita` ta` Malta dwar il-Loghob**

***kontra***

**BTM Entertainment Group Limited (C-73982)**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors li kien prezentat fis-7 ta` Marzu 2019 liema rikors kien ikkonfermat bil-gurament minn Carl Brincat.

Ir-rikors jaqra hekk :-

*1. Illi ai termini tal-Kapitolu 583 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Awtorita` rikorrenti hija responsabbli, bhala regolatur tas-settur tal-loghob, fost affarijiet ohrajn, ghas-sorveljanza ta` attivitajiet relatati mas-settur tal-loghob gewwa u dak operat minn Malta.*

*2. Illi s-socjeta` ntimata hija licenzjata mill-Awtorita` rikorrenti bin-numru ta` licenzja MGA/B2C/350/2016 u prezentement tinsab sospiza mill-operat taghha.*

*3. Illi permezz ta` dawn il-proceduri l-Awtorita` rikorrenti qiegħda titlob ix-xoljiment tas-socjeta` ntimata għaliex :*

*a. is-socjeta` ntimata tinsab f`sitwazzjoni finanzjarja prekarja ghall-ahhar.*

*b. hemm ragunijiet li huma gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tas-socjeta` ntimata ai termini tal-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta u dan kif ser jigi muri fit-trattazzjoni tal-kaz de quo.*

*4. Illi essenzjalment fl-ewwel lok, is-socjeta` ntimata hija debitrici tal-Awtorita` rikorrenti fis-somma ta` wiehed u erbghin elf tmien mija tmienja u hamsin ewro u ghaxar centezmi (€41,858.10) u kontestwalment ma` dan ir-rikors l-Awtorita` rikorrenti pprezentat ittra ufficjali kontra s-socjeta` intimata ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Kif ser jigi spjegat fil-mori ta` dawn il-proceduri, dan l-ammont jirrapprezenta outstanding compliance contribution fees li kellhom jithallsu mis-socjeta` BTM Entertainment*

*Group Limited skont id-dettami tal-ligi kif ukoll skont il-licenzja bin-numru MGA/B2C/350/2016.*

*5. Illi s-socjeta` ntimata nghatat diversi opportunitajiet sabiex thallas dan id-debitu, izda baqghet inadempjenti.*

*6. Illi fit-tieni lok, is-socjeta` ntimata naqset milli tipprezenta interim financial statements tas-sena elfejn u tmintax (2018) kif ukoll Player Funds Reports ricenti ghax-xhur ta` Settembru 2018 `il quddiem, liema dokumenti huma essenzjali ghal fini tar-regolatur sabiex tista` tigi monitorata s-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjetajiet licenzjati, u dan kif ser jigi trattat fil-mori ta` dawn il-proceduri.*

*7. Illi fit-tielet lok, l-Awtorita` rikorrenti rciviet numru sostanzjali ta` lmenti minghand gugaturi rregistrati mas-socjeta` ntimata li ma kellhomx access ghall-fondi (cioe l-player funds) taghhom. Dan l-ammont illum jilhaq madwar mitejn elf ewro (€200,000) pero` jista` jizdied ghaliex l-Awtorita` rikorrenti ghadha qed tigbor l-imsemmija informazzjoni minghand terzi. Madanakollu dan qed jinghad ghaliex dawn il-flejjes skont il-ligi ghandhom jitqiesu bhala flejjes ta` terzi separati mill-assi tas-socjeta` ntimata, u ghalhekk ghal dan in-nuqqas ukoll is-socjeta` ntimata kisret il-ligi u l-kundizzjonijiet tal-licenzja taghha.*

*8. Illi l-Awtorita` rikorrenti kkomunikat mal-financial and payment institutions li s-socjeta` ntimata wzat biex tipprocessa dawn il-flejjes tal-gugaturi u jirrizulta illi dawn il-fondi llum mhux kollha huma traccabbli.*

*9. Illi l-Awtorita` rikorrenti ghal diversi drabi kkomunikat mas-socjeta` ntimata bit-tentattiv li jsir data extraction exercise sabiex dawn l-ilmenti tal-gugaturi jistghu jigu diskussi darba ghal dejjem, izda s-socjeta` ntimata baqghet inadempjenti fuq din it-talba wkoll. Sabiex dan l-ezercizzju jsehh, l-Awtorita` rikorrenti nghatat l-*

*assistenza minn terzi li kienu qed jipprovdu servizz lis-socjeta` intimata.*

*Illi l-Awtorita` rikorrenti tirrileva illi f`dan il-kaz qed tagixxi mhux biss bhala kreditrici tas-socjeta` ntimata izda qieghda tilbes ukoll il-kappell qua regolatur sabiex tipprotegi l-gugaturi registrati mal-operaturi licenzati minnha hekk kif inhi fid-dmir li taghmel skont il-ligi.*

*10. Illi l-Awtorita` rikorrenti ghandha wkoll id-dover li tipprotegi l-isem tal-gurisdizzjoni Maltija fl-ambitu nternazzjonali u huwa ghalhekk fid-dover taghha li tiehu kull azzjoni possibbli skond il-ligi.*

*11. Illi fid-dawl ta` dawn il-fatti illi jirrizultaw mid-dokumenti hawn annessi, l-esponenti tissottometti illi hemm lok illi s-socjeta` ntimata tigi xolta u stralcjata ai termini tal-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, l-Awtorita` esponenti titlob bir-rispett li, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna x-xoljiment u konsegwentement l-istralc tas-socjeta` ntimata BTM Entertainment Group Limited (C-73982) u dan ai termini tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*Salv kull provvediment iehor li din l-Onorrabbli Qorti joghgobha taghti.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista ta` persuni li kienu ndikati bhala xhieda.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat id-digriet li tat fil-11 ta` Marzu 2019 fejn ordnat in-notifika tar-rikors promotur lill-kumpaninija intimata bi zmien ghoxrin (20) jum biex twiegeb.

Rat illi ghalkemm il-kumpannija intimata kienet debitament notifikata fl-ufficcju registrat taghha fl-14 ta` Marzu 2019, baqghet ma pprezentatx risposta.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat id-digriet li tat fl-20 ta` Frar 2020 fejn il-kawza thalliet ghall-provvediment dwar it-talbiet tar-rikorrenti.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Av. Dr James Baldacchino** ipprezenta ghadd ta` dokumenti bhala prova tal-komunikazzjoni li l-Awtorita` ta` Malta dwar il-Loghob ("**l-Awtorita`**") ghaddiet lil BTM Entertainment Group Limited ("**BTM**")[1].

Fisser illi l-iskambju skatta wara li BTM naqset milli tibghat lill-Awtorita`l-*annual audited financial statements* ghas-sena 2017-2018, l-*interim financial statements* ghax-xhur minn Jannar sa Gunju 2018 u l-*player fund reports* ghax-xhur ta` Settembru u Ottubru 2018.

---

[1] Ara Dok. MGA 1 sa MGA 11 a fol 18 sa 52 tal-process.

BTM hija koperta b`licenzja sabiex topera li ggib in-nru. MGA/B2C/350/2016. Il-licenzja harget fl-1 ta`Awissu 2018 u kienet valida sat-18 ta` Gunju 2028[2]. L-ghoti ta` licenzja ggorr maghha diversi obbligi kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni annessa mal-licenzja. Fost l-ohrajn, BTM hija obbligata tissottometti lill-Awtorita`l-*financial statements* taghha. B`hekk l-Awtorita` tkun f`pozizzjoni illi zzomm kontroll tal-istat finanzjarju tal-kumpannija. Abbazi tal-*financial statements* l-Awtorita` tkun tista` taccerta ruhha li l-kumpannija licenzjata ghandha bizzejjed likwidita` sabiex tkun tista` thallas `l hekk imsejjha *player funds.* Ghalkemm dawn il-fondi jinzammu fl-isem tal-kumpannija licenzjata, huma fondi li jitqiesu bhala *segregated accounts* li jkunu distinti mill-fondi tal-kumpannija licenzjata u ma jistghux jintuzaw fl-*operations* tal-kumpannija. L-effett ta` dan ikun li meta gukatur jitlob il-hlas ghar-rebh li jkun ghamel mil-loghob tal-azzard, il-kumpannija licenzjata jkollha bizzejjed likwidita` mnejn thallas.

Kompla jixhed illi b`email tat-3 ta` Mejju 2018 l-Awtorita` talbet lil BTM tissottometti l-*financial statements* fit-terminu prefiss mil-ligi. B`email tal-5 ta` Lulju 2018, dan it-terminu kien estiz b`xahar. Xehed illi kumpannija licenzjatata hija obbligata li tidentifika *key officials* li dawn, sew jekk joperaw minn Malta u sew jekk le, ghandhom ikunu raggungibbli fi zmien 24 siegha. Dawn il-persuni jkunu maghrufa u approvati mill-Awtorita` wara li ghamlet *due diligence* tal-persuna/i koncernat/i. BTM mhux biss baqghet inadempjenti fil-presentata tad-dokumenti u nformazzjoni rikjesta mill-Awtorita` izda lanqas biss wiegbet ghal kull ma kien mitlub minnha.

Stqarr illi fl-10 ta` Dicembru 2018 l-Awtorita` harget *Notice of Breach and Sanction* fil-konfront ta` BTM ghaliex bl-inadempjenzi taghha BTM kienet qed tikser l-obbligi taghha skont il-*Gaming Authorisations and Compliance Directive* (Directive 3 of 2018). Fl-istess Avviz, BTM kienet offruta l-possibilita` illi thallas penali minflok illi ssib ruhha fi proceduri penali.

---

[2] Dok. 01 a fol. 324

Kompla stqarr illi fis-7 ta` Jannar 2019 l-Awtorita` harget *Notice of Cancellation* fejn avzat lil BTM illi l-licenzja taghha kienet qieghda tigi kkancellata.

Fisser illi BTM naqset milli :

- thallas is-somma ta` €41,858.10 rapprezentanti *outstanding compliance contribution* ghax-xahar ta` Ottubru 2018.

- tipprezenta l-*financial statements* ghas-sena 2017.

- thallas is-somma ta` €3,000 rapprezentanti hlas ta` penali konsegwenzjali ghan-nuqqas taghha li tipprezenta l-*financial statements* ghas-sena 2017.

- tipprezenta l-*management Accounts* ghas-sena 2018.

- tipprezenta l-*Player Funds Reports* ghal Settembru u Ottubru 2018;.

- ma wegbitx ghal numru ta` lmenti li saru mill-gukaturi.

L-Avviz tal-Kancellament intbaghat lil *key official* li kien Mario Attard. BTM inghatat zmien 20 gurnata sabiex twiegeb ghall-Avviz. Kien hemm konferma tar-ricevuta tal-email fis-7 ta` Jannar 2019. Il-korrispondenza kienet ikkupjata lil Pavel Teper u Marcin Cech. B`email tal-11 ta` Jannar 2019 Mario Attard informa lill-Awtorita` illi ma kienx ghadu jokkupa l-kariga ta` *key official* u li ghalhekk kull korrispondenza kellha tintbaghat lid-direttur ta` BTM, li kien Marcin Cech.

Sahaq illi l-Awtorita` trid tkun infurmata meta l-posizzjoni ta` *key official* tkun giet vakanti. Fil-kaz odjern l-Awtorita` ma kenitx infurmata b`dan minn BTM ; lanqas ma kienet infurmata meta Mario Attard temm l-inkariku tieghu ta` *key official.*

Kompla jghid illi fis-17 ta` Jannar 2019 l-Awtorita` avzat lil BTM illi kien mehtieg li jsir *data extraction* sabiex l-Awtorita` tkun tista` tistabilixxi kemm kien jammonta d-dovut minn BTM lejn il-gukaturi taghha. BTM baqghet ma wegibtx ghas-sejha tal-Awtorita`. Bil-ghan illi tkun tista` taghmel *data extraction* u tistudja ahjar l-operat ta` BTM u tal-*player funds*, fil-31 ta` Jannar 2019 l-Awtorita` harget *suspension of authorisation* tal-licenzja ta` BTM. Imbaghad b`email tal-4 ta` Frar 2019 l-Awtorita` gibdet l-attenzjoni ta` BTM ghall-fatt illi l-ammont dovut lil numru ta` gukaturi kien jammonta komplessivament ghas-somma ta` €250,000. Fis-7 ta` Frar 2019 BTM wiegbet illi kienet irceviet il-korrispondenza kollha li kienet baghtet l-Awtorita`. Riferibbilment ghar-rikjesta tal-Awtorita` li ssir *data extraction*, BTM wiegbet illi d-*database* kienet giet *blocked* minn SB Tech li hija B to B *licensed entity* li toffri servizz ta` *supply and management* lil BTM. L-Awtorita` ghamlet kuntatt direttament ma` SB Tech u ghamlet id-*data extraction* li kien mehtieg. Irrizulta li ma kien hemm ebda diffikultajiet min-naha ta` SB Tech.

Xehed illi fis-27 ta` Frar 2019, BTM wiegbet b`email li minhabba li l-kont tal-bank taghha safa` mblukkat minghajr preavviz spicca ntilef zmien sakemm setghet tikseb lura access ghall-kontijiet taghha. Inghad ukoll li kienet hasbet ghal riserva fl-ammont ta` €160,000 li kien depozitat f`*safecharge accounts*. Pero` ebda versament ta` din ix-xorta ma rrizulta li sar.

Kompla jixhed illi bejn Jannar 2018 u Gunju 2019 l-Awtorita` kellha tircievi minghand BTM is-somma ta` €125,756. BTM hallset biss is-somma ta` €43,490.90. Dan ifisser li BTM ghadha trid thallas lill-Awtorita` is-somma ta` € 82,265.43[3].

Spjega illi minkejja d-dejn illi BTM ghad ghandha mal-Awtorita`, il-licenzja ta` BTM giet sospiza izda mhux kancellata. Meta licenzja tigi sospiza, l-Awtorita` jkollha aktar kontroll fuq il-kumpannija u tkun f`pozizzjoni ahjar sabiex titlob informazzjoni minghandha. Fl-istess waqt, l-Awtorita` qieset illi ghall-beneficcju tal-gukaturi li ghad iridu

---

[3] Dok. MGA 17 a fol 226 tal-process.

jithallsu, kien aktar ghaqli li l-licenzja tibqa` sospiza. Il-licenzja tigi kancellata fil-kaz li BTM tigi xolta ghax ma tkunx tista` topera aktar. Billi l-licenzja hija sospiza, BTM xorta ma tistax topera. Ma jidhirx illi BTM kompliet topera tul il-perjodu li fih giet sospiza l-licenzja.

Kompla jfisser illi kif svolgew il-fatti fil-kaz tal-intimata, hemm riskju reali li ma jkunx hemm bizzejjed fondi sabiex jithallsu l-ammonti dovuti lill-gukaturi kollha.

L-Awtorita` ma tistax taghmel tajjeb hi ghad-djun tal-*gaming company*.

Xehed illi mill-Memorandum u l-Articles of Association ta` BTM[4], jirrizulta li l-ghan principali li ghalih kienet kostitwita huwa sabiex topera u toffri servizzi bhala *gaming company* licenzjata. Ladarba il-licenjza taghha kienet sospiza, BTM ma tistax tissodisfa l-*objects clause* taghha. Minn korrispondenza skambjata ma` ARQ Group, *consultancy service provider* li kienet toffri s-servizzi taghha lil BTM, jidher illi sat-20 ta` Gunju 2018 BTM ma kienx fadlilha aktar impjegati fis-servizz taghha[5].

**<u>Jake Cachia</u>** - Senior Executive tal-Awtorita` - xehed li huwa jahdem fil-*Compliance Section* u nghata l-inkariku li jhejji rapport dwar il-fatt illi BTM ma kenitx qieghda twiegeb ghat-talbiet tal-Awtorita`[6]. Huwa hejja dan ir-rapport. Minnu jirrizulta li l-Awtorita` kienet ressqet diversi talbiet lil BTM fosthom li tipprezenta l-*financial statements* taghha ; irrizulta li BTM baqghet inadempjenti. Minn stharrig illi ghamlet l-Awtorita` u mill-informazzjoni li gabret minghand diversi banek u operaturi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, irrizulta illi BTM ghandha taghti s-somma ta` €448,701 lill-gukaturi taghha. Is-somma ta` €179,516 tinsab depozitata l-Bank fi *clients account*. B`hekk jidher illi hemm diskrepanza ta` €269,185 li mhux maghruf dawn il-

---

[4] Dok. MGA 18 a fol 227 et seq.
[5] Dok. MGA 19 a fol. 237 et seq.
[6] Dok. MGA 12 a fol. 70 sa 73 tal-process.

flus fejn qeghdin.  Biex isir maghruf fejn marret din is-somma jehtieg issir investigazzjoni aktar wiesa`.

Kompla jixhed illi BTM inghatat il-licenzja fl-2016.  Fil-kaz ta` BTM it-thassib tal-Awtorita` beda meta waqqfet kull komunikazzjoni maghha.  Mill-istharrig li ghamlet l-Awtorita` dwar il-kondotta kummercjali ta` BTM, irrizulta illi ghamlet telf ta` €270,000.  Skont il-*balance sheet* taghha, sa Gunju 2017, BTM iggenerat *aggregate loss* ta` €646,000.  L-Awtorita` taccetta li s-settur tal-*gaming* huwa kompettitiv hafna u ghalhekk tistenna li fl-ewwel tlett snin licenzjarja ma taghmilx profitt, izda fil-kaz ta` BTM mhux biss ma kienx hemm profitt izda kien iggenerat telf qawwi li baqa` kull ma jmur jizdied.  Ghalkemm l-Awtorita` ppruvat taghmel kuntatt mad-diretturi ta` BTM u mal-*key official* taghha, kemm b`emails kif ukoll b`telefonati, min-naha ta` BTM ma kienx hemm twegiba.

Stqarr li l-ghan principali tal-Awtorita` huwa li tipprotegi l-*player funds*.  Dawn huma flejjes li ghalkemm ikunu depozitati ghand il-kumpannija, jitnizzlu fil-*balance sheet* taghha, u huma wkoll amministrati mill-kumpannija, dawk il-flus qatt ma jsiru proprjeta` tal-*gaming company*.  Ghalhekk f`kull zmien irid jirrizulta illi l-ammont ta` flus fil-kont tal-bank li jkun *designated* bhala *client`s account* irid ikun ugwali ghall-ammonti li gew depozitati fil-*players fund*.  Huwa biss meta min jilghab jaghmel telf mil-loghob illi l-*gaming company* tkun tista` ddawwar dak it-telf bhala qligh ghaliha.  Jekk il-gukatur ikun irid jiehu flusu lura jew ikun irid isarraf ir-rebh li jkun ghamel, il-hlas ikun irid isir mill-*player funds*.  Fil-kaz ta` BTM gara illi diversi li kienu laghbu bdew jaghmlu *claims* lil BTM izda din ma bdietx twiegeb.  Mill-investigazzjonijiet li ghamlet l-Awtorita` rrizulta li mad-90 gukatur kellhom *claims* kontra BTM ghal total ta`  €250,000.

**Av Dr Claudette Fenech** – rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpanniji – ipprezentat kopja tal-*audited accounts* ta` BTM, kopja tal-Memorandum u l-Articles of Association taghha, lista ta` d-diretturi, tal-azzjonisti u tar-*registered address* kif ukoll kopja ta` ittra datata 26 ta` Awissu 2019 fejn Capstone Assurance Ltd baghtet tinforma lir-Registratur li kienet waqfet toffri s-servizzi taghha lil BTM.

Xehdet illi mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta illi BTM kienet registrata fit-18 ta` Jannar 2016. L-*authorised share capital* huwa ta` €241,200 diviz fi 241,200 *ordinary shares* tal-valur nominali ta` €1.00 ghal kull sehem. L-*issued share capital* huwa l-istess bhall-*authorised share capital* u huwa *fully paid up*. L-ishma huma maqsuma in kwantu ghal 72,360 sehem : Marcin Cech ; u in kwantu ghal 168,840 sehem : Poitr Malecki. Fid-data li kienet kostitwita, id-diretturi kienu Marcin Cech u Claudio Caruana. B`effett mill-1 ta` Awissu 2017 Claudio Caruana irrizenja minn direttur u kien sostitwit minn Nigel Zarb b`effett mill-istess data. L-ahhar *financial statements* li BTM ipprezentat kienu dawk sat-18 ta` Jannar 2017.

**Kris Baron** minn Capstone Assurance Limited ("**Capstone**") xehed illi jiehu hsieb jiffirma l-*audits*. Huwa *partner* fid-ditta ARQ li kienet toffri servizzi ta` konsulenza lil BTM u lill-*key official* taghha. Apparti l-uditjar, Capstone kienet tassisti lid-diretturi ta` BTM fit-thejjija ta` l-*financial statements*. Dan kien bejn fiz-zmien ta` bejn it-18 ta` Jannar 2016 u t-18 ta` Jannar 2017. Sar biss *audit* wiehed. Is-servizzi ta` Capstone lil BTM waqfu meta rat illi BTM kienet waqghet lura fit-tlestija tal-*financial statements* ghall-*audits*. Sar tentattiv ta` komunikazzjoni ma` BTM izda ma kienx hemm twegiba. Anke l-*key official* spicca rrizenja ghaliex ma kienx komdu jkompli fl-inkariku. B`ittra tas-26 ta` Awissu 2019 Capstone avzat lill-Bord tal-Accountancy u lir-Registratur tal-Kumpanniji li kienet sejra tieqaf milli toffri s-servizzi taghha lil BTM.

Kompla jixhed illi sa meta Capstone kienet ghadha taghti servizzi lil BTM din kienet tidher f`qaghda finanzjarja tajba fis-sens illi kien hemm aktar assi milli djun. Fil-bicca l-kbira taghhom id-djun ta` BTM kienu ammonti dovuti lill-azzjonisti taghha fis-somma ta` madwar €295,000. Id-differenza bejn l-assi u d-dejn kienet tammonta ghal madwar €35,000. BTM kellha wkoll dejn favur terzi fl-ammont ta` €36,000. Tul dan il-perjodu, l-ispejjez ta` BTM kienu dovuti ghal *start up fees*. Billi BTM gabet il-licenzja f`Dicembru 2016, fl-ewwel sena taghha kienet ghadha ma bdietx topera bhala *gaming company* licenzjata.

Qal ukoll illi BTM ma kinitx qieghda titmexxa b`mod illi seta` jkun generat profitt. Mill-ewwel bdiet taghmel it-telf. Wiehed mill-azzjonisti intervjena u beda jiffinanzja t-telf. Minghajr l-intervent ta` dan l-azzjonist, BTM ma kienx ser ikollha futur anke ghaliex huwa mistenni li fl-ewwel tlett snin tal-operat taghha *gaming company* tiggenera telf.

## III. ***Locus standi***

**L-Awtorita` talbet ix-xoljiment u l-istralc ta` BTM abbazi tal-Art. 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386**.

L-**Art 218(1) tal-Kap 386** jistabilixxi **kif u minn min** ghandha titressaq talba ghax-xoljiment u l-istralc ta` kumpannija.

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*Talba lill-qorti (aktar `il quddiem imsejha "rikors ghal stralc") ghal -*

*(a) stralc ta` kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a) ;*

*(b) xoljiment u stralc ta` kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a) ; jew*

*(c) xoljiment u stralc ta` kumpannija skont l-artikolu 214(2)(b),*

*ghandha ssir b`rikors li jista` jsir jew mill-kumpannija wara decizjoni tal-laqgha generali jew mill-bord tad-diretturi taghha jew minn xi detentur ta` obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji :*

*Izda rikors skont il-paragrafi (b) jew (c) jista` wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpannija.*

**Fil-kaz odjern, l-Awtorita` mexxiet ghax hija kreditur ta` BTM. Ghalhekk ghandha *locus standi* sabiex tippromwovi l-istanza tal-lum.**

**Il-kwistjoni l-ohra, u cioe` li l-Awtorita` mexxiet ghax hija regolatur b`obbligu li thares id-drittijiet tal-gukaturi, hija rilevanti mhux daqstant bhala rekwizit sabiex tkun promossa l-azzjoni, izda ghall-fini tad-determinazzjoni tar-*<u>ragunijiet gravi bizzejjed</u>* li skont l-Art 214(2)(b)(iii) ikunu jiggustifikaw ix-xoljiment u l-istralc ta` BTM.**

## IV. <u>L-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386</u>

Id-disposizzjoni tghid illi :

*"kumpannija ghandha tkun xolta bil-qorti jekk … il-qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija".*

Il-ligi thalli lill-qorti diskrezzjoni wiesa` sabiex tistabilixxi hi jekk fil-fehma taghha jirrizultawx fatti u cirkostanzi "**<u>gravi bizzejjed</u>**".

Jekk tistabilixxi l-gravita`, allura minn hemm `il quddiem il-qorti ma jkollhiex aktar diskrezzjoni, u **<u>tkun obbligata</u>** taghmel id-dikjarazzjoni ta` xoljiment tal-kumpannija.

**<u>Pero</u>**`, tibqa` fdata lill-Qorti d-diskrezzjoni jekk tistralcjax inkella le l-kumpannija skont l-ewwel parti ta` l-Art 214(3).

Il-proviso tal-Art 214(3) ma japplikax ghall-Art 214(2)(b)(iii).

Dan premess, il-ligi ma taghti l-ebda tifsira ta` x` inhuma *"ragunijiet gravi bizzejjed".*

Ghalhekk il-Qorti m`ghandha tiskarta xejn.

Sabiex tistabilixxi jekk fatti jew cirkostanzi humiex gravi bizzejjed, il-qorti m`ghandhiex toqghod fuq grajjiet li jkun sehhew sad-data tal-presentata tar-rikors promotur tal-azzjoni, izda ghandha taghti piz ukoll ghal kull ma jigri anke wara, sa ma tigi biex taghti d-decizjoni taghha.

Fl-**<u>Art 122 tal-Insolvency Act 1986 Ingliza</u>**, insibu isib lista ta` cirkostanzi li jwasslu ghax-xoljiment u ghall-istralc ta` kumpannija. Fl-Insolvency Act 1986 ma hemmx disposizzjoni identika ghal dik li tirrizulta fl-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386. Il-wahda li tqarreb l-aktar lejha hija l-Art 122(1)(g) li tghid : *the court is of the opinion that it is just and equitable that the company should be wound up.*

Huwa evidenti anke mad-daqqa t`ghajn li d-disposizzjoni taghna hija aktar stretta fis-sens illi fil-kaz taghna l-Qorti ghandha xxolji meta fil-fehma taghha jkunu jirrizultaw ragunijiet gravi bizzejjed. Fil-ligi Ingliza, il-kriterju huwa dak tal-gustizzja u l-ekwita`.

L-istrettezza tad-disposizzjoni taghna taghmel hafna sens anke ghaliex meta l-qorti tesprimi l-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed, allura minn hemm tkun obbligata tordna x-xoljiment tal-kumpannija. Din il-Qorti tasal biex tghid li, stabbiliti r-ragunijiet gravi, ikun bil-wisq difficli ghall-qorti fil-kuntest tal-ewwel parti tal-Art 214(3) li ma tghaddix ukoll ghall-istralc tal-kumpannija.

Il-Qorti tghid li r-riferenza ghall-Art 122(1)(g) tal-Insolvency Act 1986 hija utili ghaliex il-linja li hadu l-Qrati Inglizi biex ighidu x`inhu *just and equitable* ghall-fini ta` *winding up* tghin biex tiftah tieqa lill-Qrati taghna ghall-interpretazzjoni ta` x`jistghu jkunu ragunijiet gravi bizzejjed. Kull kaz ghandu l-istorja tieghu u ghalhekk il-Qorti trid tibni l-fehma taghha fuq il-fatti u cirkostanzi ta` kull kaz.

## V. <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

**Ix-xiehda ta` Av. James Baldacchino (korraborata mid-dokumenti li pprezenta kif ukoll mid-deposizzjoni ta`Jake Cachia) taghti <u>kwadru car tal-fatti</u> li wasslu lill-Awtorita` sabiex tistitwixxi dan il-procediment kontra BTM.**

Anke jekk huwa mistenni li fl-ewwel tliet snin tal-operat taghha, *gaming company* issibha difficli sabiex taghmel qligh, fil-kaz ta` BTM **<u>din bdiet tiggenera telf qawwi mill-bidu</u>**.

L-awditur Kris Baron xehed illi kieku ma kienx ghal wiehed mill-azzjonisti li hareg il-flus hu, BTM kienet tispicca fl-inkwiet mill-ewwel.

Huwa evidenti li n-negozju ta` BTM ma qabadx art, bl-aggunta li t-tmexxija taghha kienet dizordinata.

Mill-*Audit Report and Financial Statement* ghas-sena li ghalqet fit-18 ta` Jannar 2017, jinghad :

"*We have not received all the information and explanations we require for our audit ; Adequate accounting records have not been kept, or that returns adequate for our audit have not been received from branches not visited by us ; the financial statements are not in agreement with the accounting records and returns*."

Dan in-nuqqas min-naha ta` BTM li taghti **<u>nformazzjoni vitali</u>** ghat-tlestija tal-*audit* kellu l-konsegwenza li l-awdituri hadu d-decizjoni li ma jkomplux jaghtu s-servizzi taghhom lil BTM. Is-segwitu ghal dan kien illi wara l-2018 la jirrizulta li nzammet kontabilita`, li setghet tkun soggetta ghal verifika oggettiva, la sar udjitjar, u lanqas kienu prezentati *abridged financial statements* aggornati lir-Registratur tal-Kumpanniji skont il-ligi.

**L-inadempjenzi ta` BTM ma waqfux hemm izda <u>l-gravita</u>` taghhom baqghet timmanifesta ruhha fil-mod kif gabet ruhha mal-Awtorita` rikorrenti.**

**Il-Qorti tishaq fuq dan l-aspett ghaliex BTM kellha obbligi aktar wiesgha minn dawk ta` kumpanniji ohra.**

**Infatti ma kellhiex biss l-obbligi li huma stabbiliti fil-Kap 386 izda kellha toqghod ukoll mal-htigijiet legali li kienet obbligata thares skont il-*gaming licence* li kienet rilaxxjata favur taghha mir-regolatur u cioe` mill-Awtorita` rikorrenti.**

**<u>Mhux kontestat</u>** dak mistqarr bil-gurament mill-Av. James Baldacchino (u debitament ikkorraborat mhux biss b`dokumenti izda anke mid-deposizzjoni ta` Jake Cachia) illi BTM naqset milli :

- thallas is-somma ta` €41,858.10 rapprezentanti *outstanding compliance contribution* ghax-xahar ta` Ottubru 2018.

- tipprezenta l-*financial statements* ghas-sena 2017.

- thallas is-somma ta` €3,000 rapprezentanti hlas ta` penali konsegwenzjali ghan-nuqqas taghha li tipprezenta l-*financial statements* ghas-sena 2017.

- tipprezenta l-*management accounts* ghas-sena 2018.

- tipprezenta l-*Player Funds Reports* ghal Settembru u Ottubru 2018.

- twiegeb ghal numru ta` lmenti li saru mill-gukaturi.

**Il-<u>gravita</u>` tan-nuqqasijiet ta` BTM m`ghandhiex titqies bhallikieku kienet *di poco conto.***

**Jinghad dan ghaliex il-<u>gravita`</u> tal-komportament <u>negattiv</u> ta` BTM issib il-milja taghha fil-fatt li din injorat it-talbiet ghal informazzjoni rikjesta mil-ligi li sarulha b`mod impellenti mill-Awtorita`.**

**Rinfaccjata kif kienet b`dan il-komportament ghal kollox avvers, l-Awtorita` kellha tirrikorri ghas-sospensjoni tal-*operating licence* ta` BTM, kif kellha kull dritt taghmel skont il-ligi.**

**Biex il-kobba tkompli tithabbel, il-Qorti ma tistax tiskarta qisu xejn l-imgieba tal-*key official* li rrizenja mill-inkarigu tieghu minghajr ma qaghad mal-obbligu tieghu li jaghti avviz lill-Awtorita`.**

**Il-Qorti hija wkoll <u>imhassba gravement</u> bl-imgieba tad-diretturi ta` BTM li mhux biss ma osservawx l-obbligi taghhom a tenur tal-Kap 386 izda baqghu jippersistu f`agir bla kont fil-konfront tal-Awtorita`.**

**Il-Qorti tinsisti li ghandha tkun <u>iebsa u esigenti</u> ma` dawk li jaghzlu li jintraprendu n-negozju tal-*gaming* f`regim legali regolamentat u strett bhal ma huwa dak ta` dawn il-Gzejjer.**

**Ghal din il-Qorti huwa <u>gravi</u> (u allura mhux accettabbli f`kull sens) li persuni u cioe` gukaturi jirnexxielhom jaghmlu rebh, imbaghad jispiccaw ma jithallsux dak li jkun dovut lilhom mill-kumpannija li jkunu jqeghdu l-loghob taghhom maghha.**

**Agir bhal dan la huwa accettabbli u wisq anqas tollerabbli.**

**Daqstant iehor <u>gravi</u> huwa l-fatt li ghax *licencee* ma jkunx hallas dak dovut, l-Awtorita` issib ruhha rinfaccjata bl-ilmenti legittimi ta` persuni li jkun haqqhom jithallsu u mhux biss ma jithallsux izda addirittura jigu njorati.**

**Imgieba ta` din ix-xorta hija affront lejn is-saltna tad-dritt u ghalhekk <u>gravi</u>.**

**Ghala din l-imgieba ta` BTM, din il-Qorti ma tafx, anke ghaliex BTM ghazlet li ma tiddefendix ruhha fil-kawza odjerna. Fl-istess waqt, jekk thalli fil-genb l-imgieba <u>gravi</u> ta` BTM lejn l-awtoritajiet pubblici ta` dan il-pajjiz u lejn il-gukaturi, jibqa` l-fatt oggettivament ippruvat illi BTM mhijiex f`qaghda li thallas id-dejn taghha. Il-figuri li hargu mill-assjem tal-provi juru li BTM hija nsolventi a tenur tal-Art 214 (2)(a)(ii) u tal-Art 214(5)(b) tal-Kap 386.**

**Tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi, din il-Qorti hija tal-fehma illi hemm ragunijiet gravi bizzejjed skont l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 sabiex tordna mhux biss ix-xoljiment izda wkoll l-istralc ta` BTM.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qieghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti billi :-**

**<u>Tiddikjara</u> li fil-fehma taghha hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija BTM Entertainment Group Limited (C-73982) skont l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**<u>Tordna</u> x-xoljiment tal-kumpannija BTM Entertainment Group Limited (C-73982) skont l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386**

**b`effett mil-lum kif ighid il-*proviso* tal-Art 223(1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. Tordna wkoll l-istralc tal-istess kumpannija.**

**<u>Tahtar</u> lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija BTM Entertainment Group Limited (C-73982) bis-setghat u bid-dmirijiet li huma stabbiliti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Tordna lill-istralcjarju sabiex jipprezenta rapport tal-hidma tieghu sa zmien xahrejn mil-lum.**

**Tordna lill-Awtorita ta` Malta dwar il-Loghob u lill-kumpannija intimata sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, kif ukoll l-ispejjez kollha tal-istralc, inkluzi d-drittijiet u l-ispejjez tal-istralcjarju.**

**Thalli l-istralc ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta 6 ta` Ottubru 2020 fid-9.00 a.m.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**